MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

## MAGISTRAT DR.
## CONSUELO-PILAR SCERRI HERRERA

Seduta tat-18 ta' Ottubru, 2008

Numru 290/2008

**Il-Pulizija**
**Spettur Norbert Ciappara**
v

**PAUL CUSCHIERI**

**Il-Qorti;**

Rat li l-imputat **PAUL CUSCHIERI** ta’ disgha w tletin sena, bin Nazzareno u Doris nee Sapianao, imwieled Pieta nhar t-tmienja w ghoxrin ta’ Dicembru 1989 u residenti 43, Triq il-Mina tax-Xatt, l-Isla, detentur ta’ karta tal-identita numru 116970M, gie mressaq quddiemha akkuzat talli f’dawn il-Gzejjer fis-sbatax t’Ottubru 2008, u matul l-ahhar tlett xhur ta’ qabel din d-data:
1. forna jew ipprokura jew offra li jforni jew li jipprokura d-droga Eroina, specifikata fl-ewwel Skeda tal-Ordinanza Dwar il-Medicini Perikoluzi Kap 101 tal-Ligijiet ta' Malta, lil persuna jew persuni jew ghall-uzu ta' persuna jew persuni minghajr ma kellu licenzja mill-

President ta' Malta, minghajr ma kien awtorizzat bir-Regoli tal-1939 ghall-Kontroll Intern tad-Drogi Perikoluzi (G.N. 292/1939) jew minn xi awtorita' moghtija mill-President ta' Malta li jforni d-droga, u minghajr ma kien fil-pussess t'awtorizzazzjoni ghall-importazzjoni jew ghall-esportazzjoni mahrug mit-Tabib Principali tal-Gvern, skond d-disposizzjonijiet tas-sitt (6) Taqsima tal-Ordinanza msemmija u minghajr ma kellu licenzja jew xort'ohra awtorizzat li jimmanifattura jew li jforni d-droga imsemmija u minghajr ma kellu licenzja li jipprokura l-istess droga u dan bi ksur tar-Regolament numru erbgha (4) tar-Regoli tal-1939, ghall-Kontroll Intern tad-Drogi Perikoluzi (G.N. 292/1939) kif sussegwentement emendati u bi ksur tal-Ordinanza Dwar l-Medicini Perikoluzi Kap 101 tal-Ligijiet ta' Malta;

2. Talli kellu fil-pussess tieghu d-droga Eroina, specifikata fl-ewwel Skeda tal-Ordinanza Dwar il-Medicini Perikoluzi Kap 101 tal-Ligijiet ta' Malta, meta ma kienx fil-pussess t'awtorizzazzjoni ghall-importazzjoni jew ghall-esportazzjoni mahrug mit-Tabib Principali tal-Gvern, skond d-disposizzjonijiet tar-raba (4) w is-sitt (6) Taqsima tal-Ordinanza, meta ma kienx bil-licenzja jew xort'ohra awtorizzat li jimmanifattura jew li jforni d-droga msemmija u meta ma kienx b’xi mod iehor bil-licenzja tal-President ta’ Malta li jkollu d-droga msemmija fil-pussess tieghu u naqas li jipprova li d-droga msemmija giet fornuta lilu ghal uzu tieghu skond r-ricetta kif provdut fir-regolamenti msemmija u dan bi ksur tar-regolament numru tmienja (8) tar-Regoli tal-1939, dwar l-Kontroll Intern tad-Drogi Perikoluzi (G.N. 292/1939) kif sussegwentement emendati u bi ksur tal-Ordinanza Dwar l-Medicini Perikoluzi Kap 101 tal-Ligijiet ta' Malta, liema droga nstabet f’tali cirkostanzi li juru li ma kienetx ghal uzu personali tieghu.

Il-Qorti giet mitluba sabiex f’kaz ta’ htija barra milli tapplika l-piena skond l-ligi, tordna lil imputat jhallas l-ispejjez li ghandhom x’jaqsmu mal-hatra tal’ esperti ai termini tal-artikolu 533 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta’ Malta.

Rat l-atti kollha tal-kawza w id-dokumenti kollha esibiti fosthom l-Fiat tal-Avukat Generali ai termini tal-artikolu

22(2) tal-Ordinanza dwar il-Medicini Perikoluzi (Kap 101) bhala Dok. CSH, l-fedina penali tal-istess imputat bhala Dok. CSH 1 kif wkoll l-istqarrija rilaxxjata mill-imputat nhar t-tmintax t'Ottubru 2008 bhala Dok CSH 2.

Semghet **l-ammissjoni tal-imputat** liema ammissjoni tinsab registrata fl-atti fis-seduta ta' nhar t-tmintax t'Ottubru 2008, u cioe fil-jum meta gew mahlufa l-akkuzi odjerni fil-konfront tieghu u dan meta sar l-ezami ai termini tal-artikolu 370(4), 390(1) u 392 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Illi din il-Qorti osservat dak li jiddisponi l-artikolu 453(1) tal-Kap 9 u cioe wara li l-imputat wiegeb li hu hati din l-Qorti wissietu b'mod l-aktar solenni fuq l-konsegwenzi legali ta' dik it-twegiba tieghu u taghtu zmien xieraq biex jekk irid jerga lura minnha u kien wara li staqsietu t-tieni darba li l-Qorti ghaddiet biex taghti kaz din l-ammissjoni tieghu.

Illi ghalhekk fuq l-ammissjoni voluntarja w inkondizzjonata tal-stess imputat, l-Qorti tiddikjara li m'ghandhiex triq ohra salv li ssbu hati tal-akkuzi kollha kif dedotti kontra tieghu.

Semghet lil prosekuzzjoni tiddikjara li l-imputat m'ghandux jibbenefika mill-artikolu 29 tal-Kap 101 stante li ma zvelax s-sors minn fejn ottjena d-droga 'n kwistjoni .

Ikkunsidrat:

Il-Qorti qiset is-segwenti fatturi rigwardanti l-piena:

1. L-ammisjoni bikrija tal-imputat sa mill-bidu nett ta' dawn il-proceduri u cioe mal-prezentata u li b'hekk m'inhela ebda hin zejjed tal-Qorti;

2. Il-fedina penali tal-imputat minn fejn jirrizulta li l-imputat ghandu mhux inqas minn sittax il-reat registrati fuqha fost liema reati ghandu ta' serq, pussess ta' pjanta tal-Cannabis u Eroina, qliegh minn fuq prostituzzjoni, u reati naxxenti mill-Ordinanza tat-Traffiku fejn inghata sentenzi sospizi u perjodi ta' habs.

Il-Qorti ghalhekk rat li l-imputat ma tghallimx mill-passat tieghu w insista li jkompli fit-triq tal-kriminalita w ghalhekk din il-Qorti ser timponi piena karcerarja effettiva fuqu sabiex jitghallem darba ghal dejjem li ghandu jbiddel l-hajja hazina li qabad.

**Ghalhekk, il-Qorti wara li rat l-artikoli tal-ligi partikolarment l-artikolu 8(a)(e) u 22(2) tal-Kap 101 tal-Ligijiet ta' Malta, tiddikjara li ssib lil imputat PAUL CUSCHIERI hati tal-akkuzi kif dedotti fil-konfront tieghu u dan fuq ammissjoni tieghu stess u tiddeciedi li tikkundannah ghal perjodu ta' sentejn u nofs (2½) prigunerija effettivi.**

**Oltre dan qed tikkundannah ghal hlas ta' multa ta' hames mitt (500) Euro.**

**Finalment tordna wkoll d-distruzzjoni tad-droga esibita f'dan il-procediment w ghalhekk tordna lil analista Godwin Sammut sabiex fil-presenza tar-Registratur tal-Qorti, jeffettwa tali distruzzjoni, b'dan li l-istess Registratur tal-Qorti ghandu jirredigi process verbal li jiddokumenta l-procedura tad-distruzzjoni, liema dokument ghandu jigi nserit fl-atti ta' din il-kawza mhux aktar tard minn hmistax il-jum mill-lum u dan in linea mas-sentenza moghtija mill-*Qorti tal-Appell Kriminali nhar t-tnejn w ghoxrin ta' Dicembru 2006 fl-ismijiet* Il-Pulizija v Anthony Joseph Portelli.**

Il-Qorti tordna, li ai termini tal-artikolu 401(3) tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta, kopja ta' din s-sentenza u l-atti kollha ta' dan il-procediment jintbaghtu lil Avukat Generali fiz-zmien moghti fil-ligi.

**< Sentenza Finali >**

-------------------------------TMIEM-------------------------------